

Brussell, 8 ta' Diċembru 2021
(OR. en)

14831/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0390 (NLE)

JUSTCIV 192
AGRI 626
IND 381
ENER 552

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	3 ta' Diċembru 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 746 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll għall-Konvenzjoni dwar l-Interessi Internazzjonali fit-Tagħmir Mobbli dwar Kwistjonijiet speċifiċi għat-Tagħmir Agrikolu, tal-Kostruzzjoni u tal-Minjieri (il-Protokoll tal-MAC)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2021) 746 final.

Mehmuż: COM(2021) 746 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.12.2021
COM(2021) 746 final

2021/0390 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll għall-Konvenzjoni dwar l-Interessi Internazzjonali fit-Tagħmir Mobbli dwar Kwistjonijiet speċifiċi għat-Tagħmir Agrikolu, tal-Kostruzzjoni u tal-Minjieri (il-Protokoll tal-MAC)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Taħt l-awspiċji tal-UNIDROIT (Istitut Internazzjonali għall-Unifikazzjoni tal-Liġi Privata), li hija organizzazzjoni intergovernattiva li għaliha jappartjenu l-Istati Membri kollha, f'Novembru 2001, f'Konferenza Diplomatika f' Cape Town, l-Afrika t'Isfel, ġew adottati Konvenzjoni dwar l-Interessi Internazzjonali fit-Tagħmir Mobbli ("il-Konvenzjoni ta' Cape Town") u Protokoll dwar Kwistjonijiet Speċifiċi għat-Tagħmir tal-Inġenji tal-Ajru.

Is-sistema ta' Cape Town għandha struttura flessibbli: din hija ffurmata minn Konvenzjoni qafas li tistabilixxi regoli legali applikabbli għall-kategoriji kollha ta' tagħmir mobbli li huma kkomplementati minn Protokoll speċifiċi li fihom regoli speċjali relatati ma' tipi partikolari ta' tagħmir.

Il-Konvenzjoni tipprovdi regoli għall-istabbiliment u l-effetti ta' interess internazzjonali (ftehim ta' sigurtà, ftehim ta' riżerva ta' titolu jew kuntratt ta' lokazzjoni) relatati ma' ċerti kategoriji ta' tagħmir mobbli ddeżinjati fil-Protokoll relatati mal-kategoriji li ġejjin: tagħmir tal-inġenji tal-ajru (oqfsa tal-inġenji tal-ajru, magni tal-inġenji tal-ajru u elikopters), vetturi ferrovjarji u assi spazjali.

Dawn il-Protokoll jistgħu jemendaw il-Konvenzjoni meta l-karatteristiċi speċifiċi tas-settur rilevanti jkunu jeħtieġu dan. Huwa għalhekk il-Protokoll u mhux il-Konvenzjoni li jipprevali fir-rigward ta' kull kategorija ta' tagħmir mobbli. L-obbligi tal-Istati taħt il-Konvenzjoni jvarjaw skont il-Protokoll li huma jaderixxu miegħu. Il-Konvenzjoni tista' tapplika għal kategorija ta' tagħmir mobbli biss meta l-Protokoll rilevanti jidħol fis-seħħ u bejn il-Partijiet għal dak il-Protokoll biss. Iżda l-Konvenzjoni u l-Protokoll imbagħad iridu jinqraw flimkien bħala strument uniku.

Il-kategoriji tal-minjieri, tal-agrikoltura u tal-kostruzzjoni huma oqsma ta' attività kummerċjali ta' importanza universali, speċjalment fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp. Huwa għalhekk li, mill-2006 'l hawn, it-tnejn tar-raba' Protokoll għall-Konvenzjoni dwar l-Interessi Internazzjonali fit-Tagħmir Mobbli dwar Kwistjonijiet speċifiċi għat-Tagħmir Agrikolu, tal-Kostruzzjoni u tal-Minjieri (minn hawn 'il quddiem: il-"Protokoll tal-MAC") ġiet inkluża fil-Programm ta' Ħidma tal-UNIDROIT. Hemm żewġ raġunijiet għalfejn it-tagħmir agrikolu, tal-kostruzzjoni u tal-minjieri ġie propost mill-UNIDROIT għar-raba' protokoll. L-ewwel nett, dan jippermetti lill-intrapriżi involuti fl-agrikoltura, fil-kostruzzjoni u fil-minjieri l-kapaċità li jiksbu tagħmir li kieku ma jkunux jistgħu jiksbu u b'hekk ikunu jistgħu jottimizzaw l-attività tagħhom. It-tieni nett, dan jippermetti lill-produtturi tat-tagħmir jesportaw lejn swieq li mingħajr tali protokoll jibqgħu magħluqin għalihom.

Wara ħidma preparatorja, inklużi bosta laqgħat ta' Grupp ta' Studju u konsultazzjonijiet mal-industrija privata, fil-95 sessjoni tiegħu (it-18-20 ta' Mejju 2016), il-Kunsill Governattiv tal-UNIDROIT ikkunsidra l-abbozz tat-test prodott mill-Grupp ta' Studju bħala żviluppat biżżejjed biex jiġġustifika t-tlaqqiġ ta' Kumitat ta' Esperti Governattivi.

Saru żewġ sessjonijiet tal-Kumitat ta' Esperti Governattivi f'Ruma: l-ewwel sessjoni saret mill-20 sal-24 ta' Marzu 2017 u t-tieni waħda saret mit-2 sas-6 ta' Ottubru 2017, meta t-test tal-Protokoll tqies matur biex titlaqqa' Konferenza Diplomatika għall-adozzjoni tiegħu. Il-Kummissjoni rrappreżentat lill-UE - li għandha status ta' osservatur fil-UNIDROIT - abbażi

ta' pożizzjoni koordinata tal-UE¹. Fit-23 ta' Awwissu 2017, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar il-konklużjoni tal-Protokoll tal-MAC. Ir-Rakkomandazzjoni² u d-Direttivi³ ġew adottati mill-Kunsill fid-9 ta' Marzu 2018.

Fil-11-22 ta' Novembru 2019 saret Konferenza Diplomatika fi Pretoria, fejn it-test tal-Protokoll tal-MAC ġie adottat uffiċjalment mill-UNIDROIT. Il-Kummissjoni rrappreżentat lill-UE għad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll li jaqgħu taħt il-kompetenza esterna esklużiva tal-UE abbażi tad-direttivi ta' negozjati li ġew adottati fl-2018 u d-direttivi supplimentari ta' negozjati li ġew adottati fl-2019⁴.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-UE diġà ħadet azzjoni fir-rigward tal-Konvenzjoni ta' Cape Town, billi ssieħbet mal-Konvenzjoni u l-Protokoll tagħha dwar l-Inġenji tal-Ajru fl-2009⁵, billi ffirmat il-Protokoll Ferrovjarju fl-2009⁶ u billi approvatu fl-2014⁷.

Fir-rigward tal-Protokoll Spazjali wkoll, abbażi tad-direttivi ta' negozjati li ġew adottati mill-Kunsill fl-10 ta' Frar 2004⁸, il-Kummissjoni, li tirrappreżenta lill-UE, segwiet mill-qrib il-laqgħat tal-ħames sessjonijiet tal-Kumitat tal-Esperti Governattivi tal-UNIDROIT għall-adozzjoni tal-abbozz tal-Protokoll għall-Konvenzjoni dwar Interessi Internazzjonali fuq Tagħmir Mobbli għal Kwistjonijiet Speċifiċi tal-Assi Spazjali u pparteċipat fil-Konferenza Diplomatika tal-2012 meta ġie adottat il-Protokoll Spazjali.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill hija konsistenti mal-politika ġenerali tal-UE li tiegħu azzjoni biex tiżgura li l-kompetenza esterna esklużiva tal-UE tiġi rrispettata fil-qafas internazzjonali, billi tissieħeb ma' konvenzjonijiet internazzjonali inklużi d-dispożizzjonijiet taħt il-kompetenza esterna esklużiva tal-UE, meta dan ikun permess mill-preżenza ta' klawżola tar-REIO, li tippermetti (bħal f'dan il-każ) lill-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika jiffirmaw jew jirratifikaw strument internazzjonali, jew billi tawtorizza lill-Istati Membri tal-UE biex jagħmlu dan f'isem l-Unjoni.

¹ Il-pożizzjoni tal-UE stabbilita fid-dokument tal-Kunsill 7083/17 EU RESTRICTED

² Id-Dokument tal-Kunsill 5109/18

³ Id-Dokument tal-Kunsill 6287/18 EU RESTRICTED

⁴ Kif stabbilit fid-Dokument tal-Kunsill 13444/1/19 REV 1 EU RESTRICTED

⁵ 2009/370/KE: id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' April 2009 dwar l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Konvenzjoni dwar Interessi Internazzjonali fl-Apparat Mobbli u mal-Protokoll tagħha dwar affarijiet li jolqtu b'mod speċifiku apparat użat fl-ajruplani, adottati konġuntament f'Capetown fis-16 ta' Novembru 2001, ĠU L 121, 15.5.2009, p. 3-7.

⁶ 2009/940/KE: id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar l-iffirmar mill-Komunità Ewropea tal-Protokoll għall-Konvenzjoni dwar il-Garanziji Internazzjonali fuq it-Tagħmir Mobbli li jirrigwarda Materji Speċifiċi għall-Vetturi Ferrovjarji, adottat fil-Lussemburgu fit-23 ta' Frar 2007, ĠU L 331, 16.12.2009, p. 1-16.

⁷ 2014/888/UE: id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2014 dwar l-approvazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll għall-Konvenzjoni dwar il-Garanziji Internazzjonali fuq Tagħmir Mobbli għal Kwistjonijiet Speċifiċi tal-Vetturi Ferrovjarji, adottat fil-Lussemburgu fit-23 ta' Frar 2007, ĠU L 353, 10.12.2014, p. 9-12.

⁸ 5609/04 JUSTCIV 9 TRANS 35 OC 46 RESTREINT UE

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Din il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill hija bbażata fuq l-Artikolu 81(2), flimkien mal-Artikolu 218(5) tat-TFUE, peress li l-Protokoll tal-MAC huwa strument internazzjonali. Il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali hija rregolata mill-Artikolu 81 tat-TFUE, li huwa għalhekk il-bażi ġuridika tal-kompetenza tal-UE f'dan il-qasam.

F'konformità mal-Artikolu 3(2) tat-TFUE, xi dispożizzjonijiet tal-Protokoll tal-MAC tal-UNIDROIT jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenza esterna esklużiva tal-UE peress li *“jistgħu jaffettwaw xi regoli komuni jew ibiddu l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom”*.

Il-Protokoll tal-MAC fih dispożizzjonijiet rigward il-ġuriżdizzjoni, ir-rikonoxximent, l-infurzar, il-miżuri proviżorji u protettivi li jistgħu jaffettwaw l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (l-Artikolu IX tal-Protokoll MAC - *Modifika tad-dispożizzjonijiet rigward l-eżenzjoni sakemm issir determinazzjoni finali*).

Barra minn hekk, il-Protokoll tal-MAC fih dispożizzjonijiet dwar ir-rimedji għall-insolvenza u dwar l-assistenza għall-insolvenza, li jistgħu jaffettwaw l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 2015/848 dwar proċedimenti ta' insolvenza (l-Artikolu X - *Rimedji għall-Insolvenza* u l-Artikolu XI - *Assistenza għall-Insolvenza*).

Fl-aħħar nett, l-Artikolu VI tal-Protokoll tal-MAC (*Għażla tal-liġi applikabbli*) jipprevedi li l-partijiet għal ftehim jew għal kuntratt ta' garanzija relatat jew għal ftehim ta' subordinazzjoni jistgħu jagħżlu l-liġi applikabbli. Għalhekk, huwa jirregola kwistjoni koperta mir-Regolament (KE) Nru 593/2008 tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I).

- **Dikjarazzjonijiet dwar kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea**

Huwa meħtieġ mill-Artikolu XXIV (*Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika*) li l-Unjoni Ewropea, meta jiġi ffirmat il-Protokoll tal-MAC, tagħmel id-dikjarazzjoni lid-Depożitarju li tispeċifika l-kwistjonijiet rregolati mill-Protokoll li fir-rigward tagħhom tkun ġiet ittrasferita kompetenza lill-Unjoni Ewropea mill-Istati Membri tagħha. Din id-dikjarazzjoni hija annessa ma' din il-proposta.

Barra minn hekk, bosta regoli tal-Protokoll tal-MAC jeħtieġu jew jippermettu lill-partijiet kontraenti jagħmlu dikjarazzjonijiet dwar l-applikabbiltà jew il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu jew dwar il-mod kif se jiġu implimentati. Dawn kollha huma dispożizzjonijiet ta' inklużjoni fakultattiva u huma applikabbli biss jekk, fiż-żmien tar-ratifika tal-Protokoll, tal-approvazzjoni tiegħu jew tal-adeżjoni miegħu, issir dikjarazzjoni skont l-Artikolu XXVIII tal-Protokoll tal-MAC (*Dikjarazzjonijiet rigward ċerti dispożizzjonijiet*).

L-Unjoni Ewropea għandha s-setgħa li tagħmel dikjarazzjonijiet għall-Artikoli VI, IX, X u XI tal-Protokoll tal-MAC, li s-suġġetti tagħhom jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tagħha. Madankollu, kif meħtieġ mill-Artikolu XXVIII tal-Protokoll tal-MAC, din il-kwistjoni tiġi ttrattata biss fiż-żmien tad-deċiżjoni dwar ir-ratifika tal-Protokoll, tal-approvazzjoni tiegħu, jew tal-adeżjoni miegħu mill-Unjoni Ewropea.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Mhux applikabbli.

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta hija simili għal dawk adottati għall-Protokoll li l-oħra tal-Konvenzjoni ta' Cape Town u ma tmurx lil hinn mill-għan li jiġi żgurat li l-kompetenza esterna esklużiva tal-UE dwar ċerti dispożizzjonijiet tal-Protokoll tal-MAC tiġi rrispettata u li l-Istati Membri jitħallew japplikaw id-dritt tal-Unjoni bejniethom.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Minn meta l-UNIDROIT laqqa' l-ewwel laqgħa tal-Esperti Governattivi f'Settembru 2016, l-Istati Membri ġew infurmati u kkonsultati regolarment fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar Materji ta' Dritt Ċivili (Mistoqsijiet Ġenerali) dwar il-linji kkoordinati li għandhom jittieħdu fir-rigward tal-pożizzjoni tal-UE. Il-pożizzjoni kkoordinata tal-UE għall-ewwel laqgħa tal-Esperti Governattivi tinsab fid-dokument imsemmi tal-Kunsill 7083/17 EU RESTRICTED. Barra minn hekk, id-delegati tal-Istati Membri ġew infurmati fuq il-post f'Ruma matul il-laqgħa ta' koordinazzjoni *ad hoc* tal-UE. Il-Kummissjoni rrapportat dwar l-eżitu tal-ewwel u tat-tieni sessjoni fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar Materji ta' Dritt Ċivili (Mistoqsijiet Ġenerali) fl-2019. Fl-2018 u fl-2019 saru diskussjonijiet ulterjuri fl-okkażjoni tal-adozzjoni tal-linji gwida ta' negozjati bi tħejjija għall-Konferenza Diplomatika f'Novembru 2019.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Fit-93 sessjoni tal-Kunsill Governattiv tal-UNIDROIT fl-2014 kien miftiehem li jitlaqqa' Grupp ta' Studju inkarigat mit-tħejjija tal-ewwel abbozz tal-Protokoll tal-MAC qabel il-95 sessjoni tiegħu. Il-Grupp ta' Studju huwa magħmul minn diversi esperti internazzjonali fil-liġi tat-tranżazzjonijiet garantiti u ltaqa' erba' darbiet mill-2014 'l hawn. Qabel l-ewwel laqgħa tal-Esperti Governattivi, l-UNIDROIT stieden lill-Istati Membri tiegħu u lill-Istati partijiet għall-Konvenzjoni ta' Cape Town biex fit-2 ta' Diċembru 2016 jattendu simpożju ta' nofstanhar biex jiddiskutu aspetti ewlenin tal-proġett.

Seħħew inizjattivi oħra qabel il-Konferenza Diplomatika, bħal pereżempju Konferenza Internazzjonali f'Londra "*Il-Protokoll tal-MAC: Benefiċċji legali u ekonomiċi għall-Istati, il-kummerċ u l-iżvilupp internazzjonali*" fit-12 ta' Settembru 2019, li fiha pparteċipaw ukoll il-Kummissjoni u bosta Stati Membri.

Il-konsultazzjonijiet mal-industrija privata wrew interess u appoġġ ġenerali għall-Protokoll tal-MAC u ġew organizzati bosta inizjattivi mill-UNIDROIT sabiex titqajjem kuxjenza dwar il-Protokoll, qabel u wara l-adozzjoni tiegħu.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Kif kien il-każ għall-inizjattivi l-oħra li jikkonċernaw il-Konvenzjoni ta' Cape Town u l-Protokoll tagħha, ma twettqet l-ebda valutazzjoni tal-impatt speċifika.

Madankollu, kif huwa indikat hawn fuq, twettqu konsultazzjonijiet/studji preliminari intensivi fil-kuntest tal-UNIDROIT qabel ma l-ħidma fuq l-abbozz tal-Protokoll tqieset lesta biżżejjed biex titlaqqa' l-ewwel laqgħa ta' Esperti Governattivi.

Din il-ħidma tinkludi wkoll dokument imħejji fl-2013 mid-Direttur tar-Riċerka fiċ-Ċentru għall-Analiżi Ekonomika tal-Liġi (CEAL), dwar il-benefiċċji ekonomiċi potenzjali tal-Protokoll tal-MAC. Valutazzjoni Ekonomika oħra tal-Protokoll tal-MAC ġiet ippubblikata f'Awwissu 2018 taħt l-awspiċji tal-UNIDROIT, li tenfasizza l-benefiċċji għall-kummerċ internazzjonali billi jitjeb l-aċċess għall-finanzi u jitnaqqas ir-riskju ta' kreditu.

- **Drittijiet fundamentali**

Ma japplikax

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Xejn.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Ma japplikax

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll għall-Konvenzjoni dwar l-Interessi Internazzjonali fit-Tagħmir Mobbli dwar Kwistjonijiet speċifiċi għat-Tagħmir Agrikolu, tal-Kostruzzjoni u tal-Minjieri (il-Protokoll tal-MAC)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 81(2), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Unjoni Ewropea qed taħdem għat-twaqqif ta' żona ġudizzjarja komuni bbażata fuq il-prinċipju tar-rikonossiment reċiproku ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji.
- (2) Il-Protokoll għall-Konvenzjoni dwar l-Interessi Internazzjonali fit-Tagħmir Mobbli dwar kwistjonijiet speċifiċi għat-Tagħmir Agrikolu, tal-Kostruzzjoni u tal-Minjieri, li ġie adottat fi Pretoria fit-22 ta' Novembru 2019, jagħti kontribut utli għar-regolament fil-livell internazzjonali. Hu għalhekk preferibbli li d-dispożizzjonijiet ta' dak l-istrument ikunu applikati mill-aktar fis possibbli.
- (3) Il-Kummissjoni nnegożjat il-Protokoll tal-MAC f'isem l-Unjoni Ewropea, għall-partijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea.
- (4) L-Artikolu XXIV(1) tal-Protokoll tal-MAC jipprevedi li l-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika, li għandhom kompetenza fuq ċerti kwistjonijiet irregolati mill-Protokoll Ferrovjarju, jistgħu jiffirmaw, jaċċettaw, japprovaw jew jaderixxu ma' dan il-Protokoll.
- (5) Uħud mill-kwistjonijiet irregolati mir-Regolamenti (KE) Nru 593/2008¹, (UE) Nru 1215/2012², u (UE) 2015/848³ huma wkoll fil-Protokoll MAC.
- (6) L-Unjoni Ewropea għandha kompetenza esklużiva fuq uħud mill-materji rregolati mill-Protokoll MAK.
- (7) L-Artikolu XXIV(2) tal-Protokoll tal-MAC jipprovdi li, fil-mument tal-iffirmar, tal-aċċettazzjoni, tal-approvazzjoni jew tal-adeżjoni, għandha ssir dikjarazzjoni minn Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika li tispeċifika l-materji regolati minn dak il-Protokoll li fir-rigward tagħhom l-Istati Membri tagħha jkunu ddelegaw lil dik l-organizzazzjoni l-kompetenza.

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I) (ĠU L 177, 4.7.2008, p. 6).

² Ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar ġurisdiżzjoni u r-rikonossiment u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (Tfassil mill-ġdid) (ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1).

³ Ir-Regolament (UE) 2015/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar proċedimenti ta' insolvenza (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 19).

- (8) L-Irlanda hija marbuta bir-Regolamenti (KE) Nru 593/2008, (UE) Nru 1215/2012 u (UE) 2015/848 u għalhekk qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
- (9) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll (Nru 22) dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, li huwa anness mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhux qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u ma hijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (10) Għaldaqstant, il-Protokoll tal-MAC jenħtieġ li jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, suġġett li jkun konkluż f'data aktar tard u li d-Dikjarazzjoni mehmuża tkun approvata,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Protokoll għall-Konvenzjoni dwar l-Interessi Internazzjonali fit-Tagħmir Mobbli dwar Kwistjonijiet speċifiċi għat-Tagħmir Agrikolu, tal-Kostruzzjoni u tal-Minjieri (il-Protokoll tal-MAC) li ġie adottat fi Pretoria fit-22 ta' Novembru 2019, huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni Ewropea.

It-test tal-Protokoll jinsab anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni għandha taħtar il-persuna li jkollha s-setgħa li tiddepożita, f'isem l-Unjoni, l-istrument tal-iffirmar tal-Protokoll tal-MAC soġġett għall-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 3.

Artikolu 3

Meta tiffirma l-Protokoll tal-MAC, l-Unjoni Ewropea għandha tagħmel id-dikjarazzjoni stabbilita fl-Anness, f'konformità mal-Artikolu XXIV(2) tiegħu.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President